MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Numru. 875/2002

PULIZIJA
SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI
VS
NURE KAMAKAM

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Nure Kamakam ta' 27 sena iben Kalefa u Figra Ahmed, imwieled Tripoli nhar it-2 ta' Mejju 1975 u joqghod fid-Dar tal-Bon Pastur, Triq Idmejda, Balzan nru tal-karta tal-identita 23663A talli b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda talli fl-20 t'Ottubru 2002 ghal habta tat-8.30pm fir-Rabat kif wkoll fix-xhur ta' qabel f'diversi lokalitajiet u hinijiet differenti f'dawn il-gzejjer:
Volontarjament hsssar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara komplessivament tiskorri l-hamsin lira izda inqas minn hames mitt lira, ghad-dannu ta' Marica Cernigliaro.

Talli hedded lil Marica Cernigliaro b'delitt u cioe li joqtolha u flimkien ma dan kien hemm ordni jew kundizzjoni.

Talli hebb kontra l-persuna ta' Marica Cernigliaro sabiex jingurajaha, idejjaqha jew jaghmillha hsara.

Talli ingurja jew hedded lill-istess Marica Cernigliaro

Talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Talli qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor offenda il-morali, l-imgieba jew id-dicenza pubblika.

Talli fis-27 ta' Gunju 2002 ghall-habta tas-7pm u fit-31 ta' Lulju 2002 fit-3.30pm fil-Floriana/Valletta ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Marica Cernigliaro.

Talli ghal diversi drabi kiser il-kundizzjoni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati – Dott Saviour Demicoli LL.D fit-3 ta' Lulju 2002.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-14 ta' Lulju 2003 fejn l-imputata ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 325, 339(e), 338dd, 221 u 383 tal-kap 9 u tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija fuq l-ewwel u s-seba akkuza u xahrejn detenzjoni ghar-

rigward it-tieni, t-tielet, r-raba u l-hames akkuza li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta f'arrest preventiv.

In oltre tqieghed lill-imputat taht garanzija ta' Lm100 ghal sena bl-obbligazzjoni li ma jimmolestax u ma jdejjaqx lill-kwerelanti Marica Cernigliaro.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------